ŻABBAR
Città Hompesch

**Minuti tat-370 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar
Il-Ħamis, 27 ta' Mejju, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja. Il-Viċi Sindku s-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa fis-6.25 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-369 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx ingħata l-istima biex jiġu rranġati l-*culverts* f'Misraħ San Gakbu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istima kienet ingħatat u din kienet tammonta għal €700.

Is-Sur Buttigieg qal li x-xogħol ta' manutenzjoni li reġa' sar fi Triq G Agius Muscat ma kienx sar sewwa. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kellu jilta' mal-perit tal-Kunsill fil-ġranet li ġejjin.

Fis-6.25 ta' filgħaxija il-Viċi Sindku s-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Familja. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Ġemellaġġi u Ndafa Pubblika. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buhagiar issekondata mis-Sur Buttigieg.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat ta' *St.Patrick Football Nursery* fejn stieden lill-Kunsill għal-'*Presentation* Annwali' li ser issir nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju, 2010 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar applikazzjoni għal permess ta' żvilupp għal *Lourdes Petrol Station*. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jikseb aktar informazzjoni dwar din l-applikazzjoni. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat Memo 46/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna fil-mili tal-applikazzjonijiet għall-proġetti taħt il-programmi ta' fondi tal-Unjoni Ewropea. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas is-somma tad-depożitu qabel ma jkun se jitlob għajnuna mill-MUESEC biex timtela xi applikazzjoni għal programm tal-Unjoni Ewropea.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Frans Catania talab li jkun skużat.

Inqrat Memo 65/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Kulturali Nazzjonali li ser issir nhar it-Tnejn, 31 ta' Mejju, 2010 f'Dar il-Mediterran, Ċentru għall-Konferenzi. Il-Viċi Sindku s-Sur Pace ser jattendi għal din il-laqgħa.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' April, 2010 u s-27 ta' Mejju 2010 li kien jammonta għal €75,208.31. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Rapport Annwali Amministrattiv 2009

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja 2009 (April – Diċembru). Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Ottubru 2009 – Diċembru 2009. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2009 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lis-Sindku u lil kull Kunsillier. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta tal-*Management Letter.*

Fis-7.15 ta' filgħaxija s-Sinjura Calleja talbet li tkun skuzata.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għax-xogħol ta' Titjib fiċ-Ċentru Ċiviku (ZLC 4/2010).</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li tħejja mill-Perit Dr George Buhagiar dwar l-offerti mitfugħa għax-xogħol ta' titjib fiċ-Ċentru Ċiviku ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 4/2010). Inqrat ukoll korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill Lokali u s-Sur Bugelli, Direttur Ġenerali *vis-a-vis* il-policy riċenti tal-Gvern dwar l-offerti pubbliċi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li qabel ma tiġi aċċettata xi offerta, jiġi aċċertat l-interpretazzjoni taċ-Ċirkulari li nħarġet mill-Gvern u l-applikazzjoni tagħha għall-offerti li ġew mitfugħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba bil-miktub mill-Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Kunsill is-Sinjura Alison Agius għal '*Career Break*' ta' ħames snin. Is-Sindku ppropona li minħabba esiġenzi ta' xogħol din it-talba ma tistax tiġi milqugħa mill-Kunsill. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sindku u din il-proposta għaddiet b'sitt voti favur u vot kontra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Povoa' de Varzim fejn rappreżentanti mill-Kunsill ġew mistiedna għall-festi ta' San Pedro li ser isiru fit-28 u d-29 ta' Ġunju, 2010. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ma jkunx rapprezentat f'din l-atttivita'. Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' Povoa' de Varzim qed juri xewqa li jagħmel ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku u s-Sur Bonnici nfurmaw lill-Kunsill dwar iż-żjara tagħhom u ffirmar tal-ġemellaġġ mal-Kunsill ta' Eschborn li sar fl-14 ta' Mejju, 2010 f'Eschborn, il-Ġermanja. Is-Sindku qal li fost id-diskussjonijiet li saru ġie deċiz li jiġi finalizzat programm ta' skambji u inizzjattivi li għandhom isiru fiż-żmien li ġej.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sindku rringrazzja lil kull min ta' sehem biex l-attivita' Lejla fil-Belt Hompesch, li saret nhar is-Sibt, 22 ta' Mejju, 2010, tkun suċċess.

Is-Sur Buhagiar semma l-ħtieġa li jsir id-dawl maz-*zebra crossings* li għadhom mingħajr ebda dawl inkluż fi Triq Wied il-Għajn, Triq is-Santwarju, Triq Hompesch, Triq il-Kunvent u Triq San Leonardu.

Fit-8.25 ta' filgħaxija is-Sur Pace talab li jkun skużat.

Is-Sur Buhagiar tkellem dwar il-laqgħa li kellu mas-Segretarjat fil-Ministeru taż-Żgħażagħ u Sports biex jitwaqqaf Kunsill taż-Żgħażagħ fil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Buhagiar qal li diġa hemm tminn żgħażagħ li wrew ix-xewqa li jieħdu sehem.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill illi l-korsijiet tal-kompjuter *E-tfal* organizzat mill-kumpanija TCTC ser jibdew f'Ġunju.

Fis-8.30 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Is-Sur Pisani tkellem dwar ilment li sar minn residenta li toqgħod fi Triq iz-Zabrella li kienet qed tilmenta dwar l-ilma tax-xita li kien qed izomm quddiem ir-residenza tagħha. Is-Sur Pisani talab li din il-problema tiġi ndirizzata.

Is-Sur Buttigieg staqsa meta ser tinħareġ is-sejħa tal-offerti biex issir il-manutenzjoni tat-tlett toroq li l-Kunsill ddeċieda li jagħmel. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq dawn it-toroq kien ser jinbeda wara li l-Kunsill jirċievi risposta mill-Gvern dwar it-talba għall-għajnuna finanzjarja li għamel taħt l-iskema *Public Private Partnership*.

Is-Sur Buttigieg talab li l-Kunsill jikteb lill-Gvern Ċentrali sabiex isir ix-xogħol ta' manutenzjoni fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li tiġi rranġata ħofra li hemm fuq il-bankina quddiem il-bank HSBC.

Is-Sur Buttigieg talab li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni ta' *Transport Malta* biex isir *stop sign* fi Triq l-Għarix.

Is-Sur Grech semma l-ħtieġa li jsiru sinjali mal-art fi Triq Sant Antnin ma' Triq San Ġuzepp biex is-sewwieqa jkunu gwidati aħjar.

Is-Sur Grech talab biex jitwaħħlu *litter bins* fi Triq tal-Labour u ħdejn il-*bus shelters* li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

Is-Sindku talab li titneħħa *parking bay* li hemm fi Triq il-Ward biex ikun hemm aċċessibilita' aħjar għall-vetturi kbar fosthom *coaches*.

Is-Sindku talab li l-Kunsill jikteb lill-Korporazzjoni Enemalta biex jitressaq arblu tad-dawl li hemm fi Triq San Leonardu.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-371 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 16 ta' Ġunju 2010.

Domenic Agius
Sindku